Dun Ġorġ Mercieca, magħruf għall-ħidma tiegħu fost iż-żgħażagħ u t-tixrid ta' l-istampa t-tajba, twieled fil-15 ta' Awwissu, 1886, f'Ħal Qormi. Iżda huwa trabba u għex il-biċċa l-kbira ta' ħajtu f'Raħal Ġdid.

Huwa kien l-iżgħar wild ta' Joseph u Grace nee' Fenech. Apparti lil Michele u Salvatore, Dun Ġorġ kellu wkoll tliet ħutu bniet li meta kibru daħlu sorijiet tal-klawsura: Sister Theresa tal-Kunvent ta' Santa Katerina tal-Belt Valletta, Sister Margerita li kienet il-Badessa tal-Kunvent tal-Benedittini, Vittoriosa u Sister Giovanna li għamlet żmien fil-kunvent ta' Sant'Ursula l-Belt, Valletta. Iżda mbagħad ħarġet minn soru u baqgħet xebba tgħix ma' ħuwha Dun Ġorġ.

Meta kiber u ħass is-sejħa għas-saċerdozju, Dun Ġorġ daħal is-seminarju u wara studja fl-Universita ta' Ruma fejn kiseb id-Dottorat fid-Divinita u l-Baċellerat fil-Liġi Kanonika.

Wara l-ordinazzjoni saċerdotali, huwa ntefa' b'ruħu u ġismu f'ħidma pastorali speċjalment fost iż-żgħażagħ ta' Raħal Ġdid. Hawnhekk huwa waqqaf iċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika Kristu Re u kien ukoll jgħin liċ-Ċirkolu taż-Żejtun. Minn jaf kemm-il darba kien joħroġ lil dawn iż-żgħażagħ għal xi dawra bir-rota jew inkella għal xi mawra sal-baħar.

Minkejja li kien jgħallem (fil-Kuleġġ ta' San Alwiġi), kien isib ħin għall-konfessinarju u kien konfessur imfittex ħafna. Tajjeb jingħad li personalment Dun Ġorġ kien iqerr għand San Ġorġ Preca u aktar tard kien iqerr għand Mons. Salvatore Grima li waqqaf id-Dar tal-Kleru fil-Fleur de Lys fejn anka qatta l-aħħar snin ta' ħajtu. Interessanti li kemm Dun Ġorġ Mercieca, San Ġorġ Preca u Mons. Grima kienu d-Diretturi Spiritwali ta' Ġuża Mifsud, fundatriċi tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni.

Dun Ġorġ mill-ewwel fehem il-qawwa tal-ġurnaliżmu Kattoliku u kien jgħin b'kull mezz lill-ġurnal Leħen is-Sewwa saħanistra fl-amministrazzjoni meta dan il-ġurnal kien joħroġ kuljum u kien il-vuċi ewlenija tal-ġurnaliżmu Kattoliku.

Iżda minħabba l-gwerra, huwa kontra qalbu kellu jħalli Raħal Ġdid u jmur bħala refuġjat f'Ħad-Dingli. Hawnhekk, Dun Ġorġ mill-ewwel intefa' għax-xogħol pastorali fost il-bdiewa u r-raħħala ta' Ħad-Dingli. Huwa kien ta' għajnuna kbira għal kull kappillan u kemm-il darba mexxa l-paroċċa fl-assenza tal-kappillan.



Barra li kien iqaddes u jqarar f'Ħad-Dingli, kien ukoll imur is-Siġġiewi u l-Imġarr biex jgħin fil-qrar. Huwa kien jgħin ukoll liż-żgħażagħ li kien ikollhom bżonn l-għajnuna fl-iskola jew biex joqogħdu għal xi eżami, l-aktar dawk li kienu jridu jidħlu t-tarzna.

L-Azzjoni Kattolika kienet il-mimmi ta' għajnejh, u bħalma għamel qabel f'Raħal Ġdid, hekk ukoll għamel f'Ħad-Dingli u b'ħafna taħbiet irnexxielu jwaqqaf iċ-ċirkolu taż-żgħażagħ ta' l-Azzjoni Kattolika, San Ġorġ. Minbarra laqgħat ta' formazzjoni u rtiri, kien ukoll jorganizza teatrini u ħarġiet għall-membri.

Dun Ġorġ kellu ħafna għal qalbu l-irtiri li kienet torganizza l-Azzjoni Kattolika dak iż-żmien is-Seminarju l-Antik ta' l-Imdina fejn hemm illum il-Mużew tal-Kattidral. Għal dawn l-irtiri kienu jattendu żgħazagħ minn Malta kollha. Il-gost tiegħu kien meta ż-żgħażagħ ifittxuh biex jiftħu qalbhom miegħu jew iqerru għandu.

Bis-saħħa tiegħu, fir-raħal ta' Ħad-Dingli bdew jiġu organizzati diversi inizzjattivi marjani, fosthom il-purċissjoni tad-Duluri, il-Ġimgħa Marjana, il-festa ta' Kristu Re u ta' San Ġużepp Ħaddiem. Anki f'Ħad-Dingli ta' spinta kbira lit-tqassim tal-ġurnal Lehen is-Sewwa, il-ġbir fil-Ġurnata Missjunarja kif ukoll il-kant fil-knisja bl-iSchola Cantorum taċ-Ċirkolu b'Dun Ġorġ innifsu jdoqq l-armonju.

Wieħed ma jistax ma jsemmix l-għadd kbir ta' vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi li ħarġu miċ-Ċirkolu tiegħu. Fost dawn kien hemm Dun Ugo Gambin, Dun Adolf Agius, Dun Huntingford...

Minħabba l-mard u l-età, f'Diċembru ta' l-1966, Dun Ġorġ kellu kontra qalbu jinġabar fid-Dar tal-Kleru f'Birkirkara. Huwa miet fl-isptar San Luqa fit-28 ta' Frar 1971, fl-eta ta' 85 sena. Il-funeral tiegħu sar fil-knisja Arċipretali tal-Mosta fejn jinsab ukoll midfun.

Minħabba l-ħidma kbira li għamel maż-żgħażagħ, ghal ħafna kien San Ġwann Bosco l-Malti.

## ĠUŻA MIFSUD U DUN ĠORĠ MERCIECA

F'messaġġ irrekordjat minn Ġuża Mifsud fit-12 ta' Novembru 1991 Ġuża tgħid:



"... kont ħafna naqdi lil Dun Ġorġ Mercieca għax kien jiġi jqarirna fis-Siġġiewi. Per eżempju kont wara l-qrar jiġi u nillestilu x'jiekol u kien jgħidli 'Ġuża inti lis-saċerdoti tħobbhom u tirrispetthom ħafna u dana Alla ħa jpattihulek minn dina d-dinja.'"

F'messaġġ ieħor Ġuża tgħid:

"imbagħad kien anka jiġi jqarilna Dun Ġorġ Mercieca, illi jiena kont qbadtu bħala konfessur tiegħi għax marrdet ommi u ma kontx nista' mmur il-Belt biex inkellem lil Mons. Grima… Imma kien jiġi dan Dun Ġorġ Mercieca u dana Dun Ġorġ Mercieca bniedem qaddis ħafna, ħajtu kienet ta' tbatija ħafna, tant bata dan is-saċerdot Dun Ġorġ Mercieca. Meta jiena mort għand Dun Ġorġ Preca, dana kien qalli, 'Issa idħol fil-Mużew. Ara xi jgħidlek Dun Ġorġ Mercieca għax jiena u Dun Ġorġ Mercieca inqerru għand xulxin. Anka meta tiġina xi ittra, tiegħu niftaħilu jiena biex nagħmlu mortifikazzjoni u tiegħi jiftagħhom hu.' Kienu ħafna spiritwali kemm Dun Ġorġ Preca u kemm Dun Ġorġ Mercieca, u jiena għandi xi ittri anka minn tagħhom. Dana kien jgħidli, 'La tibża minn ħadd għax dak li Alla jrid minnek dana ppredestinaħulek il-Mulej sa mill-eternita,' dana Dun Ġorġ."

Fil-laqgħa tat-talb li saret il-Girgenti fit-3 ta' Lulju 1994, Ġuża kompliet tgħid:

"Dun Ġorġ Preca u Dun Ġorġ Mercieca kienu jqerru għand xulxin. Jiena kien jiġi d-dar iħabbat il-bieb nhar ta' Sibt u kien jgħidilha lil ommi, 'Kolina ħalli lil Ġuża tmur torqod naqra għand oħti għax jiena ħa mmur Ħad-Dingli u oħti ħa torqod waħedha.' Ommi qaltlu, 'u jiena?' Qalilha, 'inti għandek lil Sidor u oħti ma jkollha lil ħadd.' Ommi kienet tgħidli, 'Ġuża aħseb ħalli tmur torqod għand oħt Dun Ġorġ.'" Tajjeb jingħad li meta attendiet għall-Kungress ta' l-Isem Imqaddes t'Alla li kien sar f'Raħal Gdid u li fih l-Arċisqof Gonzi kien ħabbar li l-Gvern kien għadda liġi kontra d-dagħa, Ġuża kienet diġa qegħda Raħal Ġdid iżżomm kumpanija lil Giovanna, oħt Dun Ġorġ.

Fl-istess laqgħa tkompli tirrakkonta kif darba Dun Ġorġ Mercieca tela' r-razzett tal-Girgenti. Ħuwha Karmnu qalilha:

" 'Ġuża, konna jiena u Kola bix-xbiek tat-tiben. Wiċċ daqshekk aħmar daqs in-nar, jidħak, jidħak,' qallu, 'Fejn hi ommok?' Kola qallu, 'Idħol, idħol. Aħna ma nafukx, inti li sajjarlek oħti?' Qallu, 'iva.'

Imbagħad ħija qallu, 'Issa ħu ftit ħut ta' l-ilma ħelu,' għax kien iħobbu ħafna. Tah il-ħut ta' l-ilma ħelu... U dana Dun Ġorg qalilha lil ommi, 'Kolina, jiena ġejt hawn fuq biex nugża gażja lil Ġuża.'



U ommi u ħuti qabdu jidħku. Qalilha, 'Ara li lil Ġuza tindaħlulha fl-affarijiet tagħha,' qalilha, 'qed ngħidlek jiena għax Ġuża qed tagħmel l-affarijiet ta' Alla.' U qabżet ommi u qaltlu, 'jiena miskina dejjem ġejja u sejra warajna, imfarrka bit-tbatijiet u kollox.' Qalilha, 'imma qed ngħidlek lil Ġuża tkellmuhiex, għax Ġuża magħquda m'Alla.'

U lili kien jgħidli, 'Ġuża jien qed ngħidlek li l-Mulej kuntent ħafna bik.'"

## KORRISPONDENZA BEJN DUN ĠORĠ MERCIECA U ĠUŻA

L-ittri misjuba fid-dar ta' Ġuża u miktuba minn Dun Ġorġ Mercieca jkopru s-snin 1959 sa' l-1967. Il-kontenut tagħhom jittratta l-frekwenza tat-tqarbin, tentazzjoni u mistħija mit-tobba. Fl-ittra tas-27 ta' Mejju 1959, Dun Ġorġ kiteb hekk:

"Ittamajt li niġi u ma rnexxielix għalhekk se niktiblek. Fuq dak li ktibtli, agħmel kif dejjem għidtlek. Tqarben għax dak kollu tgerfix tat-tentazzjoni; u żomm il-paċi ta' Ġesu. Tibżax, issa s-salib u l-premju wara."

L-ittra li jmiss iġġib id-data tas-7 ta' Lulju 1966. Tgħid hekk:

"Illum il-Ħamis sa niktiblek biex ngħidlek kif dejjem għidtlek: meta tista' tmur il-knisja jew jiġi Dun Ġużepp irid iqarbnek id-dar, tqarben u ħallik mill-biża. Tħallix it-tentazzjoni iqarraq bik. Is-Sinjur kuntent bik u Dun Ġużepp stmaħ bħali għax hu wkoll messaġġier ta' l-Imgħallem Ġesu."

Fl-ittra ta' l-24 ta' Settembru 1966 bħal f'ta' qabilha, nsibu ċanfira ħelwa lil Ġuża talli qisha ma kinitx qed tkun konvinta mill-pariri ta' Dun Ġużepp. Huwa kiteb hekk:

"Jiena rċivejt l-ittra tiegħek. Nirringrazzjaw lil Alla ta' dak kollu li jgħoġbu jibgħatilna. It-tabib obdieħ għax għalhekk qiegħed u toqgħodx tikkonfondi: b'daqshekk ma toffendix lil Alla. Hu riedna ngħaddu minn dawn l-umiljazzjonijiet, u qis li tkompli titqarben meta tasal sal-knisja, u Dun Ġużepp sewwa qallek, bħalma kien jgħidlek l-istess Ġesu kieku kellmek hu.

Jiena nitlob għalik, imma qis li tafdah lil Ġesu li jkun jurik imħabba meta jibgħatlek is-salib.

U dawk il-pilloli li tak it-tabib ħudhom għax hu jifhem xi jkollok bżonn, u fuq ix-

xitwa għamel kif għidtlek, la bdiet ilbes biex tilqala; tgħamilx dawn il-penitenzi, Ġesu jibgħatlek u int ħu sabar u accetthom minn idejħ bil-qalb.

U xejn ma ngħidlek ħlief li l-ubbidjenza iżżommna marbutin ma' Ġesu. Imma ubbidjenza mhux lejn Dun Ġorġ biss, imma lil Dun Ġużepp ukoll għax hu ukoll rappreżentant ta' Ġesu, u anka it-tabib għax it-tobba huma l-id t'Alla wkoll. Għalum xejn iżjed, żomm ruħek fil-paċi ta' Kristu u Ġesu miegħek."

L-aħħar ittra ġġib id-data 30 ta' Jannar 1967 u ġiet mibgħuta mid-Dar tal-Kleru. Fiha jgħidilha:

"Jiena rċivejt l-ittra tiegħek tat-28 ta' Jannar.

Fuq l-imbierek sawn, agħmel kif qal il-Papa, sum ras ir-Randan u l-Ġimgħa l-Kbira, u fuq l-eżerċizzi nerġa ngħidlek li aħjar le għax ħsara jistgħu jagħmlulek.

Fuq it-tqarbin, nerġa ngħidlek dak li għidtlek dejjem: tqarben kemm tista, u oqgħod żgura li Ġesu jieħu pjaċir bik.

U tinsiex fi kliem il-Papa, li l-ubbidjenza hi forma ta' penitenza kbira.

Għalum xejn iżjed Ġuż u Ġesu jbierkek u jieqaf miegħek."

Mad-dokumenti nstab ukoll elenku b'dawn il-punti:
Dun Ġorġ iridek tobdi f'dan li ġej:

1. "Agħmel dak kollu li jgħidlek it-tabib, ma tagħmel l-ebda dnub.
2. Dak li tisma' jew tara mhux dnub la ma tridux u tiddejjaq bih.
3. Ma għandek l-ebda obbligu li tagħmel mortifikazzjoni ta' l-ebda ħaġa, la l-Erbgħa u lanqas is-Sibt, avolja mrobbija hekk, għax issa Ġesu ma jridekx tagħmel iżjed hekk.
4. Ma tagħmel l-ebda dnub la mejjet u lanqas venjal jekk ma tismax eżerċizzi jew priedki oħra.
5. Ma għandekx l-ebda nuqqas li ma dħaltx il-mużew.
6. Ix-xogħol tal-morda itilqu għal kollox. Il-quddiem il-Bambin jurik x'tagħmel.
7. Ma għandekx tagħmel qrar ġenerali."

Notament ieħor jgħid hekk:
"Ftakar li l-Erbgħa u s-Sibt tista' tiekol laħam mingħajr ma tagħmel l-ebda dnub u quddies lanqas il-Ħadd qabel ma jħallik id-deni għal kollox, u għidilhom iqarbnuk id-dar."



Ma ghandna qatt ninsew il-ħidma, d-dedikazzjoni u s-sagrifiċċju li tant saċerdoti, fosthom Dun Ġorġ Mercieca, għamlu matul ħajjithom. Il-ħajja tas-saċerdot, bħal ħajja ta' kull wieħed minna jew kultant forsi aktar, żgur li m'hijiex faċli. Is-saċerdot irid jagħti l-eżempju - aktar kemm is-saċerdot huwa qaddis, aktar il-poplu jkun qaddis. Hekk kien iħobb jgħid Mons. Salvatore Grima, Direttur Spiritwali ieħor tal-maħbuba Ġuża. Ħaġa nteressanti li ħarġet minn dan l-artiklu hija li San Ġorġ Preca u Dun Ġorġ Mercieca kienu jqerru għand xulxin, u Dun Ġorġ Mercieca mbagħad kien iqerr ukoll għand Mons. Salvatore Grima – tliet pilastri fil-ħajja spiritwali ta' Ġuża Mifsud. Dan żgur mhux b'kumbinazzjoni għax għal Alla ma hemmx kumbinazzjonijiet!

N.B. L-informazzjoni pubblikata fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu ġiet meħuda mill-artiklu "Imsiebaħ Jiddu" tal-Kanonku John Ciarlo' li deher fil-ġurnal Leħen is-Sewwa ta' l-4 ta' Awwissu 2007 u minn informazzjoni mogħtija lili mis-Sinjura Josephine Gauci minn tas-Sliema, li tiġi n-nepputija ta' Dun Ġorġ Mercieca.

**Sylvana Spiteri LL.D**

## GRAZZJI MAQLUGĦA

**T. Attard minn Birkirkara** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qala bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' Ġuża Mifsud. Hu kiteb li kien hemm raġel fuq bejt qiegħed ibexx b'xi kimika. Dak il-ħin hu kien għaddej bil-miexi mit-triq u x'ħin ħares il fuq, f'għajnejh daħlet xi kimika. Beda jara bħal qatran f'għajnejh u beża' li kien ser jagħma jew iġarrab xi ħsara permanenti. Iżda meta mar l-Isptar it-tabiba qaltlu li l-ħabba ta' għajnejh ma' kien ġralha xejn.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.
Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
*Glorja lill-Missier...*



# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Jannar 2011 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Frar 2011 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Marzu 2011 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' April 2011 fil-5.30p.m.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor "Nitolbu ma' Marija" li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI
No. 85 JANNAR 2011 JITQASSAM BLA ĦLAS

## DUN ĠORĠ MERCIECA

**Dun Ġorġ Mercieca, saċerdot qaddis li twieled Ħal Qormi fil-15 ta' Awwissu 1886.**

**Għal snin twal, b'mod speċjali fis-snin ħamsin u sittin, huwa kien Direttur Spiritwali u Konfessur ta' Ġuża Mifsud.**

**Dun Ġorġ miet fit-28 ta' Frar 1971, fl-eta ta' 85 sena.**





Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni
jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu
għas-sena 2011
lill-membri kollha tal-Moviment,
lill-qarrejja ta' dan il-fuljett,
lill-Maltin u l-Għawdxin kollha
u 'l proxxmu kollu.
Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha.